**Laqgha Numru 17/K6/2009**

**Introduzzjoni**

Minuti tas-Sbatax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar l-Erbgha 21 ta' Ottubru 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat kienet skuzata minhabba li tinsab barra minn Malta.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fil-15 ta' Ottubru 2009. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 16/K6/2009.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 16/K6/2009.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. Bye Law dwar korsijiet, hargiet u attivitajiet.**
- **10. Is-Servizz ta' l-Avukat tal-Kunsill.**
- **11. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **12. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 16/K6/2009.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 16/K6/2009 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 16/K6/2009.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 16/K6/2009 item 11.02 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal li l-gimgha li gejja ser imur ma' wahda mill-iskrivani sabiex tintghazel l-uniformi, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li mar ma' l-iskrivana Alison Micallef biex jaghzel l-uniformi izda ma kienx hemm konkluzjoni. Il-kelliem qal li fil-jiem li gejjien ser jerga' jmur maghha fi hwienet ohra.

2.02. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jixtri uniformi separatament mill-iskrivani.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 73/2009** b'rapport tal-laqgha mal-Kummissarju ghat-tfal **(Ara dokument A); Internal Memo 74/2009** b'rapport tal-laqgha mar-residenti ta' Triq Giorgio Mitrovich **(Ara dokument B); Internal Memo 75/2009** b'rapport tal-laqgha mar-residenti ta' Triq Madre Margherita de Brincat u parti minn Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' **(Ara dokument C); Internal Memo 76/2009** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 16/K6/2009 u 17/K6/2009 **(Ara dokument D); Internal Memo 77/2009** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 16/K6/2009 u 17/K6/2009 **(Ara dokument E); Internal Memo 78/2009** b'rapport tal-laqgha mal-kumpanija Klikk **(Ara dokument F); Internal Memo 79/2009** b'rapport tal-laqgha mal-kumpanija Stainless Structures **(Ara dokument G); Internal Memo 80/2009** b'rapport tal-laqgha ma' l-Ghaqda Anzjani Pembroke **(Ara dokument H) ; Internal Memo 81/2009** b'rapport tal-kwotazzjonijiet ghall-attivitajiet tal-Milied **(Ara dokument I)** Kopja ta' leaflet li hareg il-Kunsill dwar il-hinijiet tal-ftuh tal-librerija u ta' l-Ufficcju tal-Kunsill **(Ara dokument J)** kif ukoll leaflet iehor dwar il-formazzjoni ta' Sotto Kumitat Ambjent. **(Ara dokument K).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li wara li ghalqet il-laqgha li ghaddiet fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Lauro Fava gibed l-attenzjoni dwar ittra li l-Kunsill ircieva minghand is-sur Karmenu Mazzitelli li ghandu il-kuntratt tal-qtugh ta' palm infettat. Il-kelliem qal li l-Kunsillier Lauro Fava kien ta' l-opinjoni li din ghandha tintbghat lill-avukat tal-Kunsill ghall-pariri legali tieghu sa qabel laqgha ohra. Il-kelliem qal li fid-dawl ta' dan huwa kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jipprocedi billi jinforma lill-avukat b'dan.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-proposta ta' TCTC biex jorganizzaw korsijiet fil-Kunsill fejn ippropona li l-Kunsill ghandu jiltaqa' ma' l-organizzatur dwar il-possibilita' li f'din l-inizjattiva jippartecipaw ukoll residenti minn Swieqi u San Giljan.

4.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-8 u l-21 ta' Ottubru 2009 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/5327/09/I** 05/10/2009 — Ittra minghand il-MEPA fejn baghtu statement of funds fejn l-ammont ta' €11,321 huma disponibbli ghall-lokal ta' Pembroke ghall-UIF dejjem jekk il-Kunsill japplika ghalihom.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5327/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5330/09/I** 05/10/2009 — Stedina lis-Sindku u l-membri tal-Kunsill mill-iskola Primarja biex izuru l-iskola l-gdida nhar il-Gimgha 9 ta' Ottubru bejn id-9.30am u l-10.30am.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5330/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ghal din il-laqgha attendew huwa flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Joe Brincat u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg. Il-kelliem qal li waqt il-laqgha giet diskussa l-problema tat-traffiku ghal waqt il-hin tad-dhul u hrug kif ukoll gew infurmata li l-Kunsill kien ser jiltaqa' mar-residenti. Il-kelliem qal li saret diskussjoni mal-Kap ta' l-Iskola dwar l-uzu tas-sala ta' l-iskola u l-uzu tat-track ta' l-Athletics.

6.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill sabiex jaghmel uzu mis-sala ghad ma tistax tigi milqugha minhabba li l-Kap ta' l-Iskola nfurmatu li fl-istess granet jaf ikun hemm il-ftuh ufficjali ta' l-iskola.

**46/5331/09/I** 05/10/2009 — Ittra minghand l-Ing. Conrad Casha fejn informa l-Kunsill li ccertifika x-xoghol li sar mill-Kumpanija E. Calleja & Sons f'Sit F.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5331/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5335/09/I** 05/10/2009 — E-mail minghand il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fejn informa l-Kunsill li l-Ministru George Pullicino qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex il-gnien li sar fi Triq F.X Caruana jissemma ghal Cliff Micallef li kien jaghmel parti mill-Life Cycle u nforma l-Kunsill li qed jippjanaw li ssir attivita' ta' thawwil ta' sigar fix-xhar ta' Novembru u s-sigar jithawwlu fis-sit li jindika l-Kunsill u fis-sit li gie rrangat fi Triq F. X Caruana.

**46/5373/09/I** 06/10/2009 — E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-e-mail li rcieva l-Kunsill minghand il-Ministeru ta' l-Onor. George Pullicino nforma li l-Kunsill, li japprezza li l-Ministru talab l-approvazzjoni tal-Kunsill ghall-isem tal-Gnien ta' Triq F.X. Caruana biex jissemma ghal Cliff Micallef u t-thawwil ta' sigar jista' jsir fil-fethiet li dar il-Vici Sindku u fl-ahhar talab biex din l-inizjattiva tigi approvata fil-laqgha tal-Kunsill.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5335/09/I u 46/5373/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5336/09/I** 05/10/2009 — E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn informa l-Kunsill li ser issir seduta ohra tal-Bord ta' l-Appell nhar il-Hamis 22 ta' Ottubru 2009 fis-1.30pm gewwa l-AKL u talab nikkonfermaw l-attendenza taghna kif ukoll jigu nfurmati l-avukati rispettivi.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5336/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-avukat tal-Kunsill kien indispost ghal din il-laqgha u fil-fatt talab li tkun differita. Il-kelliem ippropona li l-Avukat ghandu jigi nfurmat li f'kazijiet bhal dawn ghandu jibghat sostitut u mhux jitlob differiment minhabba l-ghagla tax-xoghol. Il-kelliem talab li l-Kunsill jitlob lill-AKL sabiex kemm jista' jkun is-smiegh ikompli malajr.

6.08. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5337/09/I**
05/10/2009
E-mail minghand is-Sur Raphael Naudi li joqghod 45, Triq Madre Margherita de Brincat fejn b'riferenza ghax-xoghol li sar fuq s-sistema ta' dranagg fi Triq Madre Margherita Debrincat informa l-Kunsill bl-inkonvenjent li sofra minhabba li dahallu d-dranagg fil-bitha fuq wara u din qatt ma grat qabel kemm ilu joqghod hemm u talab biex din is-sitwazzjoni tissolva.

6.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5337/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li diga saret twegiba ghal din l-ittra riferenza 46/5358/09/O.

**46/5338/09/I**
05/10/2009
E-mail minghand is-Sur David Falzon li joqghod 20, Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' fejn informa l-Kunsill b'infiltrazzjoni ta' dranagg li kellu fis-shaft tieghu meta ghamlet ix-xita u talab biex issir spezzjoni ta' dranagg minhabba li jista' jkun hemm xi blukkar fis-sistema ta' dranagg minhabba x-xoghol li qed isir fil-prezent.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5338/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li diga saret twegiba ghal din l-ittra riferenza 46/5358/09/O.

**46/5342/09/I**
05/10/2009
Lista mibghuta mill-ETC bil-kandidati li huma eligibbli ghal skrivan/a part time.

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5342/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-interviews ghal dawk li applikaw ghandhom isiru nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2009 mis-1.00pm il-quddiem.

6.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.15. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li mill-lista ta' l-ETC kienu biss 10 li baghtu CV.

6.16. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li bejn il-Hadd 25 sa l-Erbgha 28 ta' Ottubru kien ser ikun imsiefer u ghalhekk talab li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jigi nfurmat li huwa ser ikun indispost u ser ikun il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li jassumi r-responsabilita'.

**46/5344/09/I**
05/10/2009
Memo 58/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bil-Pubblikazzjoni ta' Bye-Law ta' 2009 numru K.L.B.L 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-berah fil-lokalita' tal-Mellieha.

6.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5344/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-Bye Law kienet interessanti ghall-Kunsill Lokali Pembroke u ghalhekk informa lill-Kunsilliera li kienet ser tigi diskussa fl-agenda tal-laqgha li jmiss.

**46/5345/09/I** E-mail minghand il-MEUSAC fejn talbet nimlew il-kwestjonarju anness

05/10/2009 dwar l-opinjoni tal-Kunsill fuq l-assistenza taghhom fuq fondi, progetti u konsultazzjoni.

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5345/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan il-kwestjonarju kien ser isir minnu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**46/5366/09/I** 06/10/2009 Ittra minghand it-Traffic Management Unit il-Perit David Vassallo fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill biex issir zebra crossing fi Triq il-Profs Walter Ganado nforma l-Kunsill li ma jistghux jaccettaw it-talba tal-Kunsill minhabba li diga hemm wahda 92 metru boghod u mhux rakkomandat li ssir minhabba li hemm inqas minn 200 metru miz-zebra crossing li hemm ezistenti.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5366/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li r-residenti koncernati jigu nfurmati b'din id-decizjoni ta' l-ADT.

6.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5369/09/I** 06/10/2009 Lista minghand Merlin Library fejn baghtu 140 ktieb jekk il-Kunsill ihoss li ghandu jixtri xi kotba minnhom.

6.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5369/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5376/09/I** 06/10/2009 E-mail minghand is-Sinjura Juliana Scerri Ferrante li toqghod 4, Triq Gio Felice Inglott, fejn informat lill-Kunsill dwar il-hsara li saret fuq il-bankina u t-tappiera.

6.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5376/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li diga kienet saret risposta ghal din l-ittra riferenza 46/5359/09/O.

**46/5377/09/I** 06/10/2009 Memo 59/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bl-Avviz Legali dwar ir-regolamenti tal-2009 dwar offerti lill-Kunsilli Lokali.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5377/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex izomm gwida rigward din il-materja lill-Kunsill.

6.25. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-ghan principali huwa li l-Kunsill ma jistax jordna xoghol jekk l-ewwel ma jkollux stima, liema stima tkun trid tigi approvata mill-Kunsill u jkun hemm fondi allokati ghaliha. Ghalhekk il-kelliem talab il-koperazzjoni tal-Kunsill kollu sabiex kemm jista' jkun jaderixxu ma' dan l-Avviz Legali sabiex ma jkollux ta' kull darba jwaqqaf proposti li jkunu qed isiru u li ma jkunux skond dawn ir-regolamenti.

**46/5385/09/I** 06/10/2009 E-mail minghand il-Comune di Roccalumera fejn informaw lill-Kunsill li l-istitut skolastiku wera x-xewqa li jgibu studenti jitghallmu l-ingliz bejn it-8 u l-15 ta' Novembru 2009 u talbu biex il-Kunsill jaghmel komunikat mal-Magister Academy dwar dan.

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5385/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li bhas-sena l-ohra huwa kien ikkomunika ma' Magister Academy biex jiehdu hsieb din it-talba u jzomm lill-Kunsill infurmat bl-andament u dan ukoll skond ix-xewqa minnaha ta' Roccalumera li kienu ga infurmaw lill-Magister Academy.

6.27. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li dan ifisser li l-Kunsill m'huwa ser ihallas ebda pagament konness ma' din il-mawra mhux bhal ma gara s-sena li ghaddiet.

**46/5388/09/I** 06/10/2009 E-mail minghand l-Assistent tal-Kap ta' l-iskola tal-Junior Lyceum tal-Bniet fejn baghat numru ta' ritratti dwar is-sitwazzjoni li qed ikollhom kull meta taghmel ix-xita minhabba li l-ilma tax-xita jidhol fl-iskola.

6.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5388/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob lill-FTS sabiex isir culvert li jaqsam id-dahla tat-triq ta' l-iskola sabiex tissolva din il-problema.

6.29. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5391/09/I** 06/10/2009 Att numru XVI ta' l-2009, l-att biex jemenda l-att dwar Kunsilli Lokali Kap 363.

6.31. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5391/09/I** is-Sindku Joe Zammit talab lil kull membru tal-Kunsill sabiex jifli sewwa l-ATT u l-emendi li dahlu fis-sehh bir-riforma gdida tal-Ligi tal-Kunsilli Lokali halli ma jkunx hemm dizgwid fil-qadi ta' dmirijiethom inkluz fir-responsabilitajiet ta' kull Kunsillier inkluz tieghu bhala Sindku u dik tal-Vici Sindku.

**46/5402/09/I** 07/10/2009 Ittra minghand Government of St. Petersburg fejn irringrazzja l-Kunsill ta' l-ospitalita' li kellhom f'Malta waqt il-laqgha ta' l-ECAD u bhala membru ta' l-ECAD f'isem St. Petersburg kien kuntent hafna li ltaqa' mas-Sindku u bix-xewqa li wera li jkun hemm konnessjoni ma' St. Petersburg fil-futur qarib.

6.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5402/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintbghat ittra bhala risposta u biex bhala parti mill-hidma tal-Kunsill biex isahhah ir-relazzjoni ma' pajjizi barranin kif ukoll indirettament ma' Malta, il-Kunsill jesplora xi programmi jistghu isiru bejn iz-zewg pajjizi fil-qasam taz-Zghazagh, Sports, Kultura, Arti u Edukazzjoni.

6.33. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.35. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li qabel isir xi forma ta' xi ftehim ma' post jew belt barra minn Malta hemm bzonn l-approvazzjoni tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

6.36. Is-Sindku Joe Zammit qal li m'huwa ser isir ebda ftehim taht forma ta' xi gemellagg.

**46/5403/09/I** 07/10/2009 Ittra minghand l-avukat Dr. Mark M. Busuttil li qed jikteb f'isem is-Sur Carmel Mazzitelli fejn qed jipprotesta u jwiddeb lill-Kunsill vis-a-vis il-kuntratt tal-palm.

**46/5410/09/I** 07/10/2009 E-mail minghand l-avukat tal-Kunsill Dr. Luciano Busuttil fejn informa l-Kunsill li l-bierah il-mara tieghu kellha t-tarbija u kien okkupat izda dwar l-appell baghat biex ikun differit u l-gimgha d-diehla ghandu jigi l-Kunsill biex jiltaqa' ma' l-iskrivana dwar it-tender 03/2009 tal-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

**46/5491/09/O** 09/10/2009 E-mail li l-Kunsill baghat lill-Avukat Dr. Luciano Busuttil fejn tlabna biex il-parir moghti dwar it-tender tal-palm jintbaghat bil-miktub lill-Kunsill.

**46/5528/09/I** 12/10/2009 E-mail minghand l-avukat Dr. Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-e-mail li baghtna dwar t-tender tal-palm informa l-Kunsill li m'hemm l-ebda lok ghal danni kontra l-Kunsill mill-kuntrattur kemm il-darba ix-xoghol isir mid-dipartiment fuq emergenza nazzjonali minn jeddu u mhux mitlub mill-Kunsill.

**46/5573/09/O** 13/10/2009 E-mail li baghtna lill-Avukat Dr. Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-komunikazzjoni li kellu mas-Sindku nfurmajnih li l-Kunsill ghadu qed jistenna l-parir legali tieghu dwar il-kuntratt tal-plam.

**46/5621/09/I** 15/10/2009 E-mail minghand Dr. Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-qlugh tal-palm informa l-Kunsill li ahjar li l-ewwel ikollna bil-miktub minghand id-dipartiment li l-ezercizzju maghmul mill-gvern qed isir minn jeddu u mhux minn xi talba formali jew informali tal-Kunsill sabiex ma jkunx hemm problemi mal-kuntrattur u f'kaz li l-Kunsill ser iqabbad lill-gvern l-ewwel irid jigi tterminat il-kuntratt ezistenti b'avviz ta' 30 gurnata u jekk il-Kunsill ser ikompli bil-kuntratt ma jkunx qed jaghmel xejn illegali.

**46/5622/09/I** 15/10/2009 E-mail minghand l-Avukat Dr. Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-avviz legali rigward il-palm informa l-Kunsill li l-uniku l-obbligu tal-Kunsill huwa li jirraporta u jirregistra l-palm infettat lid-Dipartiment liema Dipartiment johrog direzzjoni kif ukoll li sid l-art jew min huwa responsabbli jiehu hsieb inehhi palm infettat.

***6.37. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jigi skuzat minhabba nteress pekunarju u halla l-kamra fis-7.20 pm.***

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5403/09/I, 46/5410/09I, 46/5491/09/O, 46/5528/09/I, 46/5573/09/O, 46/5621/09/I u 46/5622/09/I** is-Sindku Joe Zammit qal li jidher li l-Kunsill kien zbaljat meta huwa ta direzzjoni lis-Segretarju Ezekuttiv biex jikkomunika mad-Dipartiment biex jigu jaqtghu il-palm infestat meta fil-jiem ta' qabel dawn kienu gew minn jeddhom jaqtaw il-palma fid-dahla ta' Pembroke. Il-kelliem qal li hawn ukoll s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg flimkien mieghu ma ndunawx li la darba l-Kunsill qed jitlob lid-dipartiment biex jaghmel xi haga meta l-Kunsill ghandu kuntratt ma persuna diga, ikun hemm nuqqas legali. Il-kelliem qal l'imkien ma hemm kitba ufficjali lill-Kunsilli Maltin li d-dipartiment ser ikun qed jaqta' ghas-spejjez tieghu palm infettat fil-konfini tal-Kunsilli Lokali. Ghaldaqstant il-kelliem qal li minn dak li kiteb l-Avukat huwa qed jifhem li hemm zewg options u ghalhekk ipproponi l'immedjatament tinhareg works order biex jinqatghu l-palm infettat fil-konfini ta' Pembroke (dawk pubblici) la darba l-Kunsill huwa responsabbli ghaz-zamma u indafa ta' l-ambjent ta' Pembroke; Li l-Kunsill jinforma lid-Dipartiment/sezzjoni biex mill-aktar fiss possibbli jaqtghu l-palm infettat li jinstab fil-privat u li jekk idum aktar minn dak il-perjodu provdut fl-Att, il-Kunsill jaqtghu huwa u jitlob ghall-kumpens mid-dipartiment; Li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment biex jghid lill-Kunsill bil-miktub jekk hux se jibda jaqta' l-palm fil-konfini tal-Kunsilli Lokali biex fil-kaz il-Kunsill jittermina l-kuntratt li ghandu. Is-Sindku Joe Zammit qal li fin-nuqqas ta' dan, kull palma li tkun tidher li hija nfettata ghandha tohrog il-works order biex titnehha skond it-terminu li hemm fl-Att.

6.39. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.40. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lis-Sindku Joe Zammit mill-liema vot ser tohrog din l-ispiza minhabba li jidher li hemm madwar 10 palmiet li jridu jitnehhew bi spiza ta' € 2,300.00.

6.41. Is-Sindku Joe Zammit qal li dawn ghandhom jittiehdu mill-flus li l-Kunsill ircieva mill-LES.

6.42. F’dan il-waqt sar komunikat ma’ l-Avukat tal-Kunsill minhabba divergenzi li kien hemm bejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Lauro Fava fuq il-proposta li saret. Il-Kunsillier Lauro Fava beda jirrakkomanda li l-Kunsill xorta wahda jista’ jhalli lid-Dipartiment jaqla’ s-sigar biex b’hekk jigu frankati eluf la’ Ewros filwaqt li s-Sindku Joe Zammit ghalkemm qal li kien jaqbel sostna li l-parir legali kien xort ohra.

6.43. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li l-Avukat mhux qed jghid li l-Kunsill qed jikser il-ligi sakemm id-Dipartiment jagixxi fuq il-volonta tieghu.

6.44. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava filwaqt li qal li jaqbel mal-proposta ma jaqbilx li tinhareg works order lill-kuntrattur.

6.45. Il-mozzjoni ghaddiet.

6.46. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li l-argument m’huwiex fuq il-kuntrattur izda fuq is-suggett.

6.47. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-membri kollha jaqblu li l-ghan ghandu jkun li l-Kunsill jiffranka l-flus.

***6.48. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rega’ dahal fil-laqgha fis-7.30 pm.***

**46/5404/09/I** 07/10/2009 Dokument minghand The Guard & Warden Service House fejn baghtu r-rakkomandazzjonijiet li gew sottomessi lill-Gvern Centrali dwar is-sistema ta' LES.

6.49. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5404/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5405/09/I** 07/10/2009 Ittra minghand il-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi fejn baghtu cekk ta' €2,357 li jirraprezentaw surplus ta' €350,000 bhala proporzjon ghan-numru ta' tickets li hargu l-gwardjani lokali u l-pulizja bejn l-1 ta' Lulju 2009 u t-30 ta' Settembru 2009.

6.50. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5405/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5602/09/I** 14/10/2009 E-mail minghand il-Plant Health Department fejn baghtu kopja t’Avviz Legali numru 42 ta' l-2009 dwar il-ligi tal-plant quarantine fuq il-kontroll tal-Bumunqar l-Ahmar u din intbghatet lill-Avukat.

6.51. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5602/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5414/09/I** 07/10/2009 E-mail minghand il-Kunsill Lokali Naxxar fejn informa l-Kunsill li fl-ahhar laqgha li kellhom kien hemm qbil li l-Kunsill ghandu jfittex li jinghaqad ma' Kunsilli ohra bil-hsieb li jinhareg kuntratt wiehed kongunt ghall-gbir ta' skart imhallat u talab ninfurmawh bil-hsieb tal-Kunsill.

6.52. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5414/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5416/09/I** 07/10/2009 E-mail minghand is-Sur Simon Cutajar fejn baghat CV biex jibda jiehu hsieb il-librerija tal-Kunsill.

6.53. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5416/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fuq dan is-suggett diga kien hemm qbil unanimu li jigi accettat is-sur Cutajar.

**46/5424/09/I** 07/10/2009 Minuti tal-laqgha ta' LES numru 10/2009 li saret nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru gewwa t-Tribunal.

6.54. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5424/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5470/09/I** 09/10/2009 Memo 60/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali b'rapport dwar l-efficjenza tal-Kunsilli Lokali.

6.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5470/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5478/09/I** 09/10/2009 E-mail minghand is-Sur Johann Attard mill-Ufficcju ta' Dr. Chris Said fejn b'riferenza ghall-konferenza ta' l-ECAD li ser issir f'Ghawdex talab ninnominaw zewg persuni mill-Kunsill li se jkunu parti mill-kumitat organizzativ.

**46/5482/09/O** 09/10/2009 E-mail li l-Kunsill baghat lis-Sur Johann Attard mill-Ufficcju ta' Dr. Chris Said fejn infurmajnih li l-Kunsill appprova li jinnomina lis-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fil-kumitat organizzativ ghall-konferenza ta' l-ECAD.

6.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5478/09/I u 46/5482/09/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5515/09/I** 12/10/2009 Ittra minghand persuna anonima M. Zammit fejn baghat prosit ta' l-indafa li hawn fil-lokal izda informaw lill-Kunsill li f'certu postijiet huwa traskurat bhal tabelli mghawwga, bozoz maqtugha tal-flattijiet, hitan imwaqqa kif ukoll sigar tal-palm infettat u mejta u talbu lis-Sindku jcedi postu jekk jahseb li mhux kapaci jaghmel dawn l-affarijiet.

6.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5515/09/I** is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-Kunsill jirringrazzja lil dan is-sinjur tal-kummenti li ghamel u sta ghall-Kunsill kollu li jsir ahjar dak li semma dan is-sinjur anonimu.

**46/5517/09/I** 12/10/2009 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-e-mail li baghtu MEUSAC dwar 'Europe China Clean Energy Centre Programme' talab tigi ffissata l-laqgha maghhom.

6.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5517/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha mal-MEUSAC sabiex jesploraw x'fih dan il-programm.

6.59. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku Joe Zammit li fil-laqgha li kien prezenti huwa flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat, il-MEUSAC infurmaw lill-Kunsill li tali progetti huma progetti kapitali kbar ta' diversi miljuni li jridu jsiru fic-Cina.

6.60. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit irtira l-proposta tieghu.

**46/5518/09/I** 12/10/2009 Kwotazzjoni minghand Mompalao ghal printing fuq mugs ghall-prezz ta' €3.50 eskluz il-VAT.

6.61. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5518/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5519/09/I** 12/10/2009 E-mail minghand is-Sur Godfrey Duca fejn informa l-Kunsill bil-lapel badges li joffri ghall-prezz ta’ €2 il-wahda size 25mm u €3 size 35 mm.

6.62. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5519/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

